MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Kongunt Numru. 199/2014

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi huma izzewgu fir-Registru Pubbliku Valletta fil-5 ta’ Marzu 1992;
2. Illi l-partijiet kienu isseparaw legalment ai termini tal-Kuntratt tas-Separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Gafa, datat 7 ta’ Novembru 2002, kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok ES;
3. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed, XB li illum huwa maggorenni u jahdem full time;
4. Illi ai termini tal-kuntratt, klawsola tnejn, il-partijiet kienu iddekadu reciprokament mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

5. Illi m’hemm l-ebda arretrati x’jithallsu ghat-tifel lil mara, mir-ragel;
6. Illi l-partijiet ilhom separati legalment biss biss hdax-il sena u ghalhekk iktar minn erba snin kif tistipula l-ligi;
7. Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
8. Il-mara tixtieq tirriverti lura ghal kunjom xbutitha u cjoe’ Richard;
9. Illi huma qed jikkonfermaw dawn il-fatti kollha bil-gurament taghhom, u jixtiequ ghalhekk li z-zwieg taghhom jigi ddikjarat mahlul u dan ai termini tal-ligi;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn A u C B fil-5 ta’ Marzu 1992 mahlul;
2. Tordna li l-hall ta’ dan iz-zwieg jigi rregistrat;
3. Tawtorizza lil A B tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe Richard;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Mejju, 2014;

Rat in-nota tal-partijiet illi permezz taghha ipprezentaw l-affidavits bix-xhieda taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-7 ta’ Novembru 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi il-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti A B u tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Richard;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tawtorizza lil A B tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Richard u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------